Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1166

16.6.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1166

tat-13 ta' Ġunju 2025

li jiffissa r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sena kalendarja 2025

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) L-Artikolu 17(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi li, meta l-previżjonijiet għall-finanzjament tal-interventi u tal-miżuri ffinanzjati skont is-sublimitu korrispondenti għal sena baġitarja partikolari jkunu jindikaw li se jinqabżu l-limiti massimi annwali applikabbli, trid tiġi ddeterminata rata ta' aġġustament għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament u għall-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116, trid tiġi stabbilita riżerva għall-agrikoltura tal-Unjoni fil-bidu ta' kull sena fil-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). F'konformità mal-Artikolu 16(2), it-tieni subparagrafu, ta' dak ir-Regolament, meta l-approprjazzjonijiet disponibbli ma jkunux biżżejjed biex tiġi ffinanzjata r-riżerva sal-ammont meħtieġ, id-dixxiplina finanzjarja tista' tintuża f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament bħala l-aħħar alternattiva biex tiġi ffinanzjata r-riżerva.

(3) Il-previżjonijiet għall-pagamenti diretti u għan-nefqa relatata mas-suq iddeterminati fl-abbozz tal-baġit tal-Kummissjoni għall-2026 jindikaw li attwalment m'hemmx bżonn dixxiplina finanzjarja. Madankollu, hemm inċertezza kbira fir-rigward tal-ħtiġijiet futuri għall-appoġġ mir-riżerva għall-agrikoltura fid-dawl tal-konsegwenzi għas-settur agroalimentari tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, u l-frekwenzi tal-eventi klimatiċi avversi li jaffettwaw il-biedja. Barra minn hekk, il-livell għoli attwali ta' instabbiltà fis-settur agrikolu madwar l-Ewropa jista' jħalli impatt fuq il-ħtiġijiet baġitarji stmati għas-sena finanzjarja 2026.

(4) F'konformità mal-Artikolu 17(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2116, ir-rata ta' aġġustament trid tiġi ffissata sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja li għaliha tapplika r-rata ta' aġġustament. F'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' dak ir-Regolament, ir-rata ta' aġġustament tista' tiġi adattata abbażi ta' informazzjoni ġdida sal-1 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja. Madankollu, l-adattament tar-rata abbażi ta' informazzjoni ġdida huwa possibbli biss jekk ir-rata tkun ġiet iffissata sat-30 ta' Ġunju.

(5) Fid-dawl tal-inċertezzi relatati mal-previżjonijiet baġitarji u biex tibqa' l-possibbiltà li r-rata ta' aġġustament tiġi adattata sal-1 ta' Diċembru 2025 ħalli jkunu żgurati l-osservanza tal-limiti massimi annwali u l-finanzjament addizzjonali għar-riżerva tal-agrikoltura, jekk ikun hemm bżonn xi wieħed mit-tnejn, jitqies xieraq li tiġi ffissata rata ta' aġġustament ta' 0 % għas-sena kalendarja 2025.

(6) L-Artikolu 17(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2116 jipprevedi li r-rata ta' aġġustament trid tapplika, għas-sena kalendarja korrispondenti, għall-pagamenti li jaqbżu l-EUR 2 000 li jridu jingħataw lill-bdiewa għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament u għall-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: https://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.

(7) Bħala regola ġenerali, il-bdiewa li jippreżentaw applikazzjoni għall-għajnuna għall-pagamenti diretti għal sena kalendarja partikolari (N) iridu jirċievu l-pagament fi żmien fiss tal-pagamenti tul is-sena finanzjarja (N+1). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, sa ċerti limiti, iħallsu l-pagamenti lill-bdiewa wara dak il-perjodu tal-pagamenti. Dawk il-pagamenti tard jistgħu jsiru f'sena finanzjarja sussegwenti. Meta d-dixxiplina finanzjarja tiġi applikata għal sena kalendarja partikolari, ir-rata ta' aġġustament jenħtieġ li ma tiġix applikata għall-pagamenti li għalihom ikunu ġew ippreżentati applikazzjonijiet għall-għajnuna fi snin kalendarji li mhumiex is-sena kalendarja li tapplika għaliha d-dixxiplina finanzjarja. Għaldaqstant, biex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa, jixraq jiġi previst li r-rata ta' aġġustament tiġi applikata biss għall-pagamenti li għalihom ikunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għall-għajnuna fis-sena kalendarja li għaliha tapplika d-dixxiplina finanzjarja, irrispettivament minn meta jsir il-pagament lill-bdiewa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-fini biex tiġi stabbilita r-rata ta' aġġustament f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-pagamenti li jridu jingħataw lill-bdiewa għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament u għall-miżuri speċifiċi msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (e), ta' dak ir-Regolament, u li jaqbżu l-EUR 2 000 għal applikazzjoni għall-għajnuna ppreżentata fir-rigward tas-sena kalendarja 2025, għandhom jitnaqqsu b'rata ta' aġġustament ta' 0 %.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN